MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 67/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'**
**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-**
**assikurat taghha Publius Davison sija bil-polza u sija bil-ligi l-istess Publius Davison**

**Vs**

**Carl Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex l-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' tlett elef u tnejn u sittin lira (Lm3062.00,0) jew ammont verjuri li jigi likwidat min dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilsitiku tal-1 ta' Lulju, 2011 fi Triq

Selmun, Mellieha, bejn il-vettura numru ta’ registrazzjoni JBB 779 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DBH 372 misjuqa minn Kevin Davison u proprjeta’ tal-assikurat Publius Davison, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluz Lm6 tal-konsult u tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta’ Kevin Davison, xufier tal-vettura Nru DBH 372.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha ta’ din il-kawza kif ukoll dak tal-kawza, fuq l-istess meritu u kollisjoni, fl-ismijiet ‘Francis Borg vs Kevin Davison’ (Avviz numru 30/02JAB) deciza llum stess.

Ikkunsidrat

Illi, kif premess, din il-kawza u dik li ghaliha saret referenza ghaliha ‘supra’ kien qed jimxu flimkien (ara d-digriet) moghti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, a fol 8, 9 u 10 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, sabiex tigi deciza din il-kawza ser jsir referenza ghall-atti tal-avviz numru 30/02 JAB li giet deciza llum stess u li fiha inghatat decizjoni fuq il-meritu identiku ghal din in esami specifikatament dwar ir-responsabilita ghall-istess kollisjoni.

Illi, waqt li ssir referenza ghas-sentenza citata, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza din il-Qorti tara li ghall-istess premessi u kawzalijiet, il-konvenut odjern ma ghandux jigi kunsiderat anka fuq bazi ta' kontributorjeta ghall-istess kollisjoni liema responsabiltajiet akkollata 'in toto' lill-assikurat tal-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbet attrici waqt li l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk ta' konsult u tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2002 ghandhom jithallsu mill-attur nomine et.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------